

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu (il-Polonja) fit-23 ta' Diċembru 2019 Grupa Warzywna Sp. z o.o. vs Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu

(Kawża C-935/19)

(2020/C 191/02)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Grupa Warzywna Sp. z o.o.

Konvenut: Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu

#### Domanda preliminari

Oneru fiskali addizzjonali bħal dak previst fil-formulazzjoni tal-Artikolu 112b(2) tal-Liġi dwar il-VAT huwa kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (l') (b'mod partikolari l-Artikolu 2, l-Artikolu 250 u l-Artikolu 273), mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Artikolu 325 TFUE u mal-prinċipju ta' proporzjonalità?

(l') ĠU 2006, L 347 p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, u fil-ĠU 2018, L 329, p. 53.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fil-31 ta' Diċembru 2019 – M.A. vs Konsul Rzeczypospolitej Polskiej w N.

(Kawża C-949/19)

(2020/C 191/03)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: M.A.

Konvenut: Konsul Rzeczypospolitej Polskiej w N.

### Domanda preliminari

L-Artikolu 21(2a) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tnejħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (¹) b'rabta mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jinfiehem fis-sens li ċittadin ta' pajiż terz, li ġie rrifsjutat viża għal żmien twil u li ma jistax jeżerċita d-dritt għal moviment liberu fit-territorji ta' Stati Membri oħra li jirriżulta mill-Artikolu 21(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, għandu jkollu dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti?

(¹) ĴU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 19, Vol. 2, p. 9.

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Polonja) fis-16 ta' Jannar 2020 – I.W., R.W. vs Bank BPH S.A.

(Kawża C-19/20)

(2020/C 191/04)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Gdańsku

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: I.W., R.W.

Konvenuta: Bank BPH S.A.

### Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 3(1) u (2), moqri flimkien mal-Artikoli 4(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli ingūsti fkuntratti mal-konsumatur (¹), għandu jinfiehem fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha obbligu li tikkonstata n-natura ingūsta (skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva) ta' klawżola kuntrattwali konkużza mal-konsumatur anki fil-mument meta fid-data tad-deċiżjoni, b'rizzultat ta' emendi magħmula mill-partijiet lill-kontenut tal-kuntratt fil-forma ta' anness, il-kawżola nbidlet b'tali mod li ma tkunx ta' natura ingūsta, u konstatazzjoni tan-natura ingūsta tal-kawżola skont il-formulazzjoni oriġinali tagħha tista' twassal għall-annullament tal-kuntratt fl-intier tiegħu?
- 2) L-Artikolu 6(1), moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) u mat-tieni sentenza tal-Artikolu 3(2), kif ukoll mal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli ingūsti fkuntratti mal-konsumatur, għandu jinfiehem fis-sens li jippermetti lill-qorti nazzjonali tikkonstata n-natura ingūsta biss ta' wħud mill-elementi tal-kawżola kuntrattwali relatata mar-rata ta' kambju, iffissata mill-Bank, tal-valuta li magħha huwa indiċjat il-kreditu mogħiġi lill-konsumatur (bħal fil-kawża prinċipali), jiegħi permezz tat-tnejħija tad-dispożizzjoni dwar il-marġni tal-Bank, iddeterminata b'mod unilaterali u mhux ċar, bħala komponent tar-rata tal-kambju, u ż-żamma ta' dispożizzjoni ċara li tirreferi għar-rata tal-kambju medja tal-Bank Ċentrali (il-Bank Nazzjonali tal-Polonja), li ma tirrikjedix is-sostituzzjoni tal-kontenut imħassar minn kwalunkwe dispożizzjoni legali, u tispiċċa tirriżulta fl-istabbiliment mill-ġdid ta' ekwilibriju effettiv bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur, minkejja li tbiddel l-essenza tad-dispożizzjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-provvista mill-konsumatur għall-benefiċċju tiegħu?
- 3) L-Artikolu 6(1) moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli ingūsti fkuntratti mal-konsumatur, għandu jinfiehem fis-sens li anki f'sitwazzjoni fejn il-leġiżlatur nazzjonali jintridu miżuri intiżi li jiżguraw il-waqfien mill-użu kontinwu ta' klawżoli kuntrattwali ingūsti, bħal dawk eżaminati fil-kawża prinċipali, permezz tal-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet li jimponu l-obbligu fuq il-banek li jispeċifikaw fid-dettall il-modalitajiet u t-termini għad-determinazzjoni tar-rata tal-kambju tal-valuta li fuq il-bażi tagħha huma kkalkolati l-ammont tal-kreditu, il-pagamenti ta' kull xahar li jinkludu l-kapital flimkien mal-interessi kif ukoll ir-regoli ta' konverżjoni, fil-valuta tal-kreditu mogħiġi jew imħallas lura, l-interess pubbliku jmur kontra l-konstatazzjoni tan-natura ingūsta ta' wħud biss mill-elementi tal-kawżola kuntrattwali bil-mod deskrift fit-tieni domanda?